C/2024/3392

28.5.2024

**Pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni dwar l-approvazzjoni ta' emenda standard tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għal isem fis-settur tal-inbid kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33**

(C/2024/3392)

Din il-komunikazzjoni hija ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 17(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 ([1])

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

**"Sächsischer Landwein"**

**PGI-DE-A1303-AM01**

**Data tal-komunikazzjoni: 29 ta' Frar 2024**

**DESKRIZZJONI TAL-EMENDA APPROVATA U RAĠUNIJIET GĦALIHA**

1. **Deskrizzjoni tat-tibdil**

a) Deskrizzjoni tal-inbid / tal-prodotti tad-dwieli u l-karatteristiċi analitiċi u/jew organolettiċi

ŻIEDA:

Qabel, il-qawwa alkoħolika naturali minima u l-piż minimu tal-most naturali kienu elenkati fit-taqsima dwar il-prattiki enoloġiċi. Madankollu, peress li l-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ġiet ristrutturata, din l-informazzjoni issa taqa' taħt id-deskrizzjoni tal-inbejjed. Il-qawwa alkoħolika naturali minima tibqa' l-istess, iżda r-referenza għall-piż tal-most tħassret.

Fit-Taqsima 3.2 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott żdied dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "Inbid: | |
| Il-varjetajiet ta' għeneb kollha | 5,9 Vol.-%" |

ŻIEDA:

Id-deskrizzjoni organolettika tal-inbejjed ġiet suddiviża fi nbejjed bojod, inbejjed rożè, inbejjed Blanc de Noir, inbejjed ħomor u nbejjed Rotling, u ġew stabbiliti l-proprjetajiet karatteristiċi.

b) Varjetajiet ta' għeneb tal-inbid awtorizzati

Sal-lum, il-varjetajiet ta' għeneb li ġejjin ġew elenkati fit-Taqsima 7 (issa t-Taqsima 8) tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott:

Varjetajiet ta' għeneb abjad

Bacchus, Gelber Muskateller, Roter Muskateller, Goldriesling, Grüner Silvaner, Grüner Veltliner, Helios, Hibernal, Huxelrebe, Johanniter, Kanzler, Kerner, Kernling, Merzling, Morio Muskat, Müller Thurgau, Orion, Perle von Zala, Phoenix, Rieslaner, Ruländer, Saphira, Scheurebe, Siegerrebe, Sirius, Solaris, Weißer Burgunder, Weißer Elbling, Weißer Gutedel, Weißer Riesling, Sauvignon Blanc, Chardonnay, Roter Elbling, Roter Traminer, Auxerrois.

Varjetajiet ta' għeneb aħmar

Acolon, André, Blauer Frühburgunder, Blauer Limberger, Blauer Portugieser, Blauer Spätburgunder, Blauer Trollinger, Blauer Zweigelt, Cabernet Cortis, Cabernet Dorsa, Cabernet Dorio, Cabernet Carbon, Cabernet Franc, Cabernet Mitos, Cabertin, Dakapo, Domina, Dornfelder, Dunkelfelder, Merlot, Monarch, Müllerrebe, Regent, Saint Laurent.

([1]) ĠU L 9, 11.1.2019, p. 2.

ŻIEDA

Żdiedu l-varjetajiet li ġejjin:

Varjetajiet ta' għeneb abjad:

Bronner, Cabernet Blanc, Goldmuskateller, Muscaris, Roter Riesling, Sauvignac, Sauvitage, Souvignier Gris, Viognier.

Varjetajiet ta' għeneb aħmar:

Allegro, Cabernet Cantor, Cabernet Jura, Cabernet Sauvignon, Gamay Noir, Laurot, Nebbiolo, Pinotin, Piroso, Rondo, Satin Noir, Syrah.

Tħassret is-sentenza li ġejja:

"Il-varjetajiet tal-għeneb li ġew ivvalutati li huma adattati għall-kultivazzjoni jistgħu jintużaw ukoll għall-produzzjoni ta' Landwein."

c) Rekwiżiti applikabbli skont il-leġiżlazzjoni tal-UE jew nazzjonali

Rekwiżiti addizzjonali tat-tikkettar ġew stabbiliti fit-Taqsima 10 (preċedentement it-Taqsima 8) tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott.

Tħassret is-sentenza li ġejja:

"Mill-inqas 85 % tal-għeneb użat għall-produzzjoni ta' Sächsischer Landwein irid jiġi minn vinji fiż-żona tal-vitikultura. Jistgħu jintużaw il-varjetajiet awtorizzati biss. L-għeneb li jifdal irid ikun tkabbar fil-Ġermanja."

It-test:

"Kompożizzjoni tal-Landwein: mill-inqas 85 % tal-għeneb użat għall-produzzjoni tal-inbid irid jiġi miż-żona ġeografika. Il-15 % li jifdal irid jiġi minn żona oħra tal-Landwein fil-Ġermanja."

ŻIEDA:

Is-sentenza "Minbarra l-isem tal-inbid protett eżistenti, l-inbid u l-prodotti tal-inbid iridu jiġu ttikkettati bit-terminu tradizzjonali 'Landwein'", tħassret.

Ġiet sostitwita bis-sentenza li ġejja: "Ir-rekwiżit li t-tikkettar jinkludi t-terminu tradizzjonali 'Landwein' huwa ssodisfat billi jiġi indikat l-isem tal-IĠP."

d) Awtorità ta' kontroll

L-ismijiet, l-indirizzi u d-dmirijiet tal-awtoritajiet u tal-awtoritajiet ta' kontroll li ġejjin elenkati fit-Taqsima 11 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ġew aġġornati.

ŻIEDA:

Freistaat Sachsen

Isem u indirizz:

Sächsisches Landesamt für Umwelt, Landwirtschaft und Geologie (LfULG) (L-Uffiċċju tal-Istat għall-Ambjent, l-Agrikoltura u l-Ġeoloġija tas-Sassonja)
Postfach 54 01 37
01311 Dresden
DEUTSCHLAND

Tel. +49 (0) 35 12 61 2-0

Fax: +49 (0) 35 12 61 2-10 99

Email: lfulg@smekul.sachsen.de

Dmirijiet:

Verifiki marbuta mal-permessi għal tħawwil ġdid u tħawwil mill-ġdid

L-Uffiċċju tal-Istat għall-Ambjent, l-Agrikoltura u l-Ġeoloġija tas-Sassonja huwa responsabbli għat-twettiq ta' verifiki marbuta mal-permessi għat-tħawwil ta' dwieli ġodda maħruġa mill-Uffiċċju Federali għall-Agrikoltura u l-Ikel (BLE, Bundesanstalt für Landwirtschaft und Ernährung). Jitwettqu verifiki sistematiċi fuq il-post fuq vinji li jkunu għadhom kif tħawlu u mħawla mill-ġdid li l-għeneb tagħhom jista' jintuża għall-produzzjoni ta' Landwein.

Bundesland Brandenburg

Ismijiet u indirizzi:

Ministerium für Landwirtschaft, Umwelt und Klimaschutz (Ministeru għall-Agrikoltura, l-Ambjent u l-Ħarsien tal-Klima)
Referat 34
Lindenstraße 34a
14467 Potsdam
DEUTSCHLAND

Tel. 03 31 – 86 67 63 6

Email: poststelle@mluk.brandenburg.de

Il-Ministeru għall-Affarijiet Soċjali, is-Saħħa, l-Integrazzjoni u l-Protezzjoni tal-Konsumatur ta' Brandenburg (Ministerium für Soziales, Gesundheit, Integration und Verbraucherschutz des Landes Brandenburg)
Bini S
Henning-von-Tresckow-Straße 2-13
14467 Potsdam
DEUTSCHLAND

Tel. +49 (0) 33 18 66-0

Fax: +49 (0) 33 18 66-51 08

Email: poststelle@msgiv.brandenburg.de

Id-distrett rurali ta' Oberspreewald-Lausitz
L-Uffiċċju Veterinarju u għall-Monitoraġġ tal-Ikel
Dubinaweg 1
01968 Senftenberg
DEUTSCHLAND

Tel. 03 573 / 87 0 – 44 01

Fax: 03 57 3 / 87 0 – 44 10

Email: vet-amt@osl-online.de

Dmirijiet:

Verifiki marbuta mal-permessi għal tħawwil ġdid u tħawwil mill-ġdid

Il-Ministeru għall-Agrikoltura, l-Ambjent u l-Ħarsien tal-Klima huwa responsabbli għat-twettiq ta' verifiki marbuta mal-permessi għat-tħawwil ta' dwieli ġodda maħruġa mill-Uffiċċju Federali għall-Agrikoltura u l-Ikel (BLE). Jitwettqu verifiki sistematiċi fuq il-post fuq vinji li jkunu għadhom kif tħawlu u mħawla mill-ġdid li l-għeneb tagħhom jista' jintuża għall-produzzjoni tal-inbid Landwein jew tal-IĠP miż-żona tal-inbid Landwein/tal-IĠP tas-Sassonja.

Is-Sassonja-Anhalt

Ismijiet u indirizzi:

Amt für Landwirtschaft, Flurneuordnung und Forsten (ALFF) Süd (L-Uffiċċju għall-Agrikoltura, il-Konsolidazzjoni tal-Art u l-Forestrija, in-Nofsinhar)
Sachgebiet Weinbau
Müllnerstraße 59
06667 Weißenfels
DEUTSCHLAND

Tel. 03 44 3/2 80

Fax: 03 44 3/28 0-80

Email: ALFFWSF.poststelle@alff.mule.sachsen-anhalt.de

Landesamt für Verbraucherschutz (L-Uffiċċju tal-Istat għall-Protezzjoni tal-Konsumatur)
Freiimfelderstraße 68
06112 Halle / Saale
DEUTSCHLAND

Tel. 03 45/56 43 0

Fax: 03 45/56 43 40 3

Email: LAV-Poststelle@sachsen-anhalt.de

Dmirijiet:

Verifiki marbuta mal-permessi għal tħawwil ġdid u tħawwil mill-ġdid

L-Uffiċċju għall-Agrikoltura, il-Konsolidazzjoni tal-Art u l-Forestrija – in-Nofsinhar huwa responsabbli għat-twettiq ta' verifiki marbuta mal-permessi għat-tħawwil ta' dwieli ġodda maħruġa mill-Uffiċċju Federali għall-Agrikoltura u l-Ikel (BLE). Jitwettqu verifiki sistematiċi fuq il-post fuq vinji li jkunu għadhom kif tħawlu u li tħawlu mill-ġdid li l-għeneb tagħhom jista' jintuża għall-produzzjoni tal-IĠP "Sächsischer Landwein".

Il-wasla tad-dikjarazzjonijiet u l-verifika tal-volumi tal-ħsad

Kull sena, sal-15 ta' Jannar, kull azjenda tal-vitikultura trid tiddikjara l-volum totali tal-ħsad tagħha, imqassam skont il-varjetà u l-livell tal-kwalità tal-għeneb, lill-Uffiċċju għall-Agrikoltura, il-Konsolidazzjoni tal-Art u l-Forestrija – in-Nofsinhar. Għal-Landwein, ir-rendiment għal kull ettaru li jkun ġie ddikjarat jiġi vverifikat.

Il-monitoraġġ tal-konformità mar-rekwiżiti tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott

Il-konformità mar-rekwiżiti tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott hija mmonitorjata mid-distrett rurali msemmi hawn fuq permezz ta' verifiki għal għarrieda fuq il-kumpaniji tal-produzzjoni tal-inbid. Matul dawn il-verifiki, il-produtturi tal-inbid fil-parti taż-żona tal-Landwein Sächsischer Landwein li tappartjeni għas-Sassonja-Anhalt ġeneralment issirilhom żjara fuq il-post mingħajr notifika minn qabel, u jiġu vverifikati l-istadji kollha tal-proċess tal-konsenja tal-għeneb, tal-produzzjoni tal-inbid u tal-kummerċjalizzazzjoni.

e) Oħrajn

Bidliet editorjali f'konformità mar-rekwiżiti tal-UE.

Is-siltiet li jirriproduċu regoli ġenerali jew leġiżlazzjoni attwali tħassru u ġew sostitwiti b'referenza għal-"leġiżlazzjoni attwali".

L-istruttura tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ġiet allinjata mad-Dokument Uniku.

Id-demarkazzjoni taż-żona ma nbidlitx.

Ġew elenkati l-muniċipalitajiet individwali, inkluż l-unitajiet katastali.

Id-demarkazzjoni preċiża tidher fuq mapep li juru l-vinji f'dawk il-muniċipalitajiet, demarkati skont l-irqajja' tal-art. Il-mapep jistgħu jiġu kkonsultati fuq www.ble.de/eu-qualitaetskennzeichen-wein.

Ir-rabta maż-żona ġiet iċċarata fi ftit postijiet. Dawn il-bidliet jitqiesu bħala emendi standard f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/33 peress li ma jannullawx ir-rabta maż-żona ġeografika.

2. **Raġunijiet għat-tibdil**

a) Deskrizzjoni tal-inbid / tal-prodotti tad-dwieli u l-karatteristiċi analitiċi u/jew organolettiċi

Il-qawwa alkoħolika ġiet aġġustata f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Liġi dwar l-Inbid tas-Sassonja (SächsWeinRDVO). Dan ir-Regolament ilu fis-seħħ u wera li huwa xieraq għall-prodotti taż-żona tal-IĠP. Ir-referenza għall-piż tal-most ma għadhiex applikabbli wara l-emenda tar-Regolament dwar l-Inbid (WeinV) u għalhekk tħassret.

Id-deskrizzjonijiet tal-karatteristiċi organolettiċi tal-inbejjed saru aktar distinti sabiex jirriflettu aħjar il-prodotti differenti. L-għan huwa li l-ewwel nett jiġu enfasizzati l-karatteristiċi organolettiċi individwali tal-prodotti u t-tieni nett il-bosta aspetti tagħhom.

b) Varjetajiet ta' għeneb tal-inbid awtorizzati

Il-lista preċedenti ta' varjetajiet tal-għeneb ma kinitx kompluta. Din ġiet ssupplimentata minħabba li titkabbar firxa wiesgħa ta' varjetajiet ta' dwieli fis-Sassonja u din il-versatilità għandha tiġi riflessa fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għas-Sächsischer Landwein.

L-impatt tat-tibdil fil-klima b'mod partikolari jfisser li jridu jiġu kkultivati varjetajiet ġodda u reżiljenti.

Il-varjetajiet elenkati għall-ewwel darba qed jiġu kkultivati u diġà wrew l-adegwatezza tagħhom. L-inbejjed li jipproduċu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott.

c) Rekwiżiti applikabbli skont il-leġiżlazzjoni tal-UE jew nazzjonali

Id-dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar jeħtieġ li jiġu ssupplimentati biex jirriflettu l-leġiżlazzjoni attwali.

d) Awtorità ta' kontroll

Il-lista preċedenti ta' awtoritajiet, inkluż id-dettalji ta' kuntatt u d-dmirijiet rispettivi, ma kinitx kompluta u kellha bżonn tiġi modifikata. Għalhekk, żdiedu l-awtoritajiet li jwettqu dmirijiet ta' kontroll, u t-titli u d-deskrizzjonijiet tad-dmirijiet rispettivi ġew ikkoreġuti.

e) Oħrajn

Kellhom isiru bidliet editorjali sabiex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti tal-UE.

Id-demarkazzjoni taż-żona ma nbidlitx.

Iż-żona tal-IĠP Sächsischer Landwein trid tiġi demarkata b'mod preċiż ħafna, sabiex ma jkun hemm l-ebda ambigwità. Ir-raġuni għal dan hija biex il-produtturi, l-awtoritajiet kompetenti u l-korpi ta' kontroll ikunu jistgħu jidentifikaw iż-żona ġeografika b'mod ċar. Iż-żewġ mapep li juru d-demarkazzjoni preċiża skont l-irqajja' tal-art u t-tabelli li jelenkaw l-irqajja' tal-art rilevanti kollha huma meħtieġa għal dak l-għan.

Għalhekk, l-irqajja'tal-art rilevanti kollha ġew elenkati fit-tabelli annessi mal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott.

Id-demarkazzjoni preċiża tidher fuq mapep li juru l-vinji f'dawk il-muniċipalitajiet, demarkati skont l-irqajja' tal-art. Il-mapep jistgħu jiġu kkonsultati fuq www.ble.de/eu-qualitaetskennzeichen-wein.

Id-deskrizzjoni tar-rabta maż-żona ġeografika ġiet iċċarata sabiex l-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tiġi adattata għar-realtà tal-kundizzjonijiet fuq l-art.

Il-kategoriji tal-prodotti tad-dwieli qabel kienu indikati biss fid-Dokument Uniku. B'riżultat ta' din l-applikazzjoni, se jkunu indikati wkoll fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott. Din hija żieda purament editorjali u għalhekk hija meqjusa bħala emenda standard.

DOKUMENT UNIKU

1. **Isem/Ismijiet għar-reġistrazzjoni**

Sächsischer Landwein

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika:**

IĠP – Indikazzjoni Ġeografika Protetta

3. **Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli**

1. Inbid

4. **Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed**

1. Inbid, abjad

DESKRIZZJONI QASIRA

L-inbejjed bojod għandhom it-tendenza li jkollhom lewn li jvarja minn aħdar ċar għal lewn dehbi skur qawwi, jew lewn li jvarja minn ambra għal kemxejn ħamrani. L-aromi tagħhom normalment ikunu ta' frott frisk jew saħansitra eżotiku, u xi drabi jkunu wkoll ta' fjuri jew pikkanti. Skont kif jitqaddmu l-inbejjed, jista' jkollhom ukoll fenoli li jvarjaw minn sottili għal qawwija u aromi ta' xiwi jew injam. Normalment ikollhom togħma li tvarja minn delikata għal qawwija, xi drabi anke minerali, u struttura ta' frott, eleganti għal aċiduża u vivaċi.

Għall-karatteristiċi analitiċi fejn ma tingħata l-ebda ċifra, tapplika l-leġiżlazzjoni attwali.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):

— Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum):

— Aċidità totali minima:

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):

2. Inbid, rożè

DESKRIZZJONI QASIRA

L-inbejjed rożè għandhom it-tendenza li jkollhom kulur li jvarja minn aħmar ċar delikat għal qawwi. L-aromi tagħhom normalment ikunu ta' frott, b'noti ta' frott artab jew frott aħmar u abjad. Jistgħu jippreżentaw ukoll aromi kemxejn eżotiċi u pikkanti, u aromi ta' xiwi jew injam. Għandhom it-tendenza li jkollhom togħma li tvarja minn delikata għal rikka, msaħħa minn aċidità li tvarja minn ratba għal qawwija.

Għall-karatteristiċi analitiċi fejn ma tingħata l-ebda ċifra, tapplika l-leġiżlazzjoni attwali.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):

— Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum):

— Aċidità totali minima:

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):

3. Inbid, Blanc de Noir

DESKRIZZJONI QASIRA

L-inbejjed Blanc de Noir għandhom l-istess kulur tal-inbid abjad. Għandhom it-tendenza li jkollhom aromi ta' frott u friski, b'noti ta' frott artab u xi drabi wkoll bi sfumaturi ta' fjuri jew pikkanti. Normalment ikollhom togħma li tvarja minn delikata għal rikka, msaħħa minn aċidità li tvarja minn ratba għal qawwija.

Għall-karatteristiċi analitiċi fejn ma tingħata l-ebda ċifra, tapplika l-leġiżlazzjoni attwali.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):

— Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum):

— Aċidità totali minima:

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):

4. Inbid, aħmar

DESKRIZZJONI QASIRA

L-inbejjed ħomor għandhom it-tendenza li jkollhom lewn li jvarja minn aħmar ċar għal aħmar lewn ir-rubin skur għal vjola qawwi, xi drabi anke lewn li jagħti fil-blu, xi kultant bi sfumaturi li jagħtu fil-kannella. L-aromi tagħhom normalment ikunu ta' frott, bi ħjiel ta' frott artab u xi drabi wkoll karattru pikkanti u ta' ħamrija b'noti ta' ċikkulata. Skont kif jitqaddmu l-inbejjed, jista' jkollhom ukoll fenoli li jvarjaw minn sottili għal qawwija u aromi ta' xiwi jew injam. Għandhom it-tendenza li jkollhom togħma li tvarja minn delikata għal rikka u struttura aċiduża li tvarja minn ratba bħall-bellus għal moderata.

Għall-karatteristiċi analitiċi fejn ma tingħata l-ebda ċifra, tapplika l-leġiżlazzjoni attwali.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):

— Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum):

— Aċidità totali minima:

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):

5. Inbid, Rotling

DESKRIZZJONI QASIRA

L-inbejjed Rotling huma nbejjed magħmula billi jitħallat l-għeneb abjad u aħmar jew il-most tagħhom. Normalment ikollhom lewn aħmar li jvarja minn mitfi għal ċar qawwi, xi drabi anki aħmar lewn is-salamun. L-aromi tagħhom għandhom it-tendenza li jkunu ta' frott, kultant anki pikkanti, b'noti ta' frott artab, frott taż-żerriegħa u frott taċ-ċitru. Dawn l-inbejjed normalment ikollhom togħma li tvarja minn delikata għal rikka u struttura aċiduża vivaċi.

Għall-karatteristiċi analitiċi fejn ma tingħata l-ebda ċifra, tapplika l-leġiżlazzjoni attwali.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):

— Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum):

— Aċidità totali minima:

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):

## 5. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

### 5.1. *Prattika enoloġika speċifika*

1.

Prattika enoloġika speċifika

Tapplika l-leġiżlazzjoni attwali.

2.

Restrizzjonijiet rilevanti fuq il-produzzjoni tal-inbejjed

Tapplika l-leġiżlazzjoni attwali.

3.

Prattiki tal-kultivazzjoni

Tapplika l-leġiżlazzjoni attwali.

### 5.2. *Rendimenti massimi għal kull ettaru*

1.

80 ettolitru għal kull ettaru

6. **Definizzjoni taż-żona demarkata**

Fis-Sassonja, il-vinji fil-muniċipalitajiet (unitajiet katastali) u fid-distretti muniċipali li ġejjin jappartjenu għaż-żona tal-IĠP Sächsischer Landwein:

Dresden Stadt (01067, 01069, 01097, 01099, 01109, 01127, 01129, 01139, 01156, 01157, 01159, 01169, 01187, 01189, 01217, 01219, 01237, 01239, 01257, 01259, 01277, 01279, 01307, 01309, 01324, 01326, 01328), Radebeul Stadt (01445), Moritzburg (01468), Priestewitz (01561), Hirschstein (01594), Nünchritz (01612), Lommatzsch Stadt (01623), Coswig Stadt (01640), Meißen Stadt (01662), Diera-Zehren (01665), Käbschütztal (01665), Klipphausen (01665), Nossen Stadt (01683), Niederau (01689),Weinböhla (01689), Freital Stadt (01705), Wilsdruff Stadt (01723), Pirna Stadt (01796), Struppen (01796), Heidenau Stadt (01809), Stadt Wehlen Stadt (01829).

Glashütte (01612), Ostritz (02899), Radeburg (01471), Leuben-Schleinitz (01683), Lommatzsch (01623), Stauchitz (01594), Strehla (01616), Bautzen (02625), Dresden (01109; 01156; 01187; 01189; 01217; 01239; 01257; 01259; 01326; 01328), Wermsdorf (04779), Diera-Zehren (01665), Hohenstein-Ernsthal (09337), Heynitz (01683), Käbschütztal (01665), Ketzerbachtal (01623), Moritzburg (01468), Nossen (01683), Wilsdruff (01723), Wehlen (01829), Dohna (01809), Pirna (01796), Tharandt (01737), Großenhain (01558), Hirchstein (01594), Nünchritz (01612), Ebersbach (01561), Glaubitz (01728), Zabeltitz (1561), Thiendorf (01561), Frohburg (04654), Lampertswalde (01561), Naunhof (04683), Priestewitz (01561), Reinersdorf (01561), Riesa (01587; 01589; 01591; 01594), Röderaue (01609), Zeithain (01619), Königsbrück (01936), Schönfeld (01561), Ottendorf-Okrilla (01458), Erlau (09306), Langebrück (01465), Oschatz (04758), Großweitzschen (04720), Elstra (01920), Mohorn (01723), Ostrau (04749), Roßwein (04741), Mittelherwigsdorf (02763), Bannewitz (01728), Freital (01705) u Kreischa (01731).

Id-demarkazzjoni preċiża tista' tiġi kkonsultata fuq www.ble.de/eu-qualitaetskennzeichen-wein.

Fis-Sassonja-Anhalt u Brandenburg, il-vinji fil-muniċipalitajiet (unitajiet katastali) u fid-distretti muniċipali li ġejjin jappartjenu għaż-żona tal-IĠP Sächsischer Landwein:

Fi Brandenburg, il-muniċipalità ta' Schlieben (04936) fid-distrett rurali ta' Elbe-Elster u l-muniċipalità ta' Ortrand (01990) fid-distrett rurali ta' Oberspreewald-Lausitz. Fis-Sassonja-Anhalt, u speċifikament fil-muniċipalità ta' Jessen (06917) fid-distrett rurali ta' Wittenberg, is-sottounitajiet katastali 3, 4 u 6 fl-unità katastali ta' Jessen, is-sottounitajiet katastali 1 u 8 fl-unità katastali ta' Kleindröben, u s-sottounità katastali 2 fl-unità katastali ta' Schweinitz.

Id-demarkazzjoni preċiża tista' tiġi kkonsultata fuq www.ble.de/eu-qualitaetskennzeichen-wein.

7. **Varjetà jew varjetajiet tad-dwieli li minnhom jinkiseb l-inbid / jinkisbu l-inbejjed**

Acolon

Allegro

André

Auxerrois - Auxerrois Blanc, Pinot Auxerrois

Bacchus

Blauer Frühburgunder - Pinot Noir Précoce, Pinot Madeleine, Madeleine Noir, Frühburgunder, Pinot Madelaine

Blauer Limberger - Lemberger, Blaufränkisch, Limberger

Blauer Portugieser

Blauer Spätburgunder

Blauer Trollinger - Trollinger, Vernatsch

Blauer Zweigelt - Zweigeltrebe, Rotburger, Zweigelt

Bronner

Cabernet Blanc

Cabernet Cantor

Cabernet Carbon

Cabernet Cortis

Cabernet Dorio

Cabernet Dorsa

Cabernet Franc

Cabernet Jura

Cabernet Mitos

Cabernet Sauvignon

Cabertin

Chardonnay

Dakapo

Domina

Dornfelder

Dunkelfelder

Gamay Noir

Gelber Muskateller

Goldmuskateller - Muskateller

Goldriesling

Grüner Silvaner - Silvaner, Sylvaner

Grüner Veltliner - Veltliner

Helios

Hibernal

Huxelrebe - Huxel

Johanniter

Kanzler

Kerner

Kernling

Laurot

Merlot

Merzling

Monarch

Morio Muskat

Muscaris

Müller Thurgau - Rivaner

Müllerrebe - Schwarzriesling, Pinot Meunier

Nebbiolo

Orion

Perle von Zala - Zala Gyoengye

Phoenix - Phönix

Pinotin

Piroso

Regent

Rieslaner

Rondo

Roter Elbling - Elbling Rouge

Roter Muskateller - Muskateller, Muscat, Moscato

Roter Riesling

Roter Traminer - Clevner, Traminer

Ruländer - Pinot Grigio, Grauburgunder, Grauer Burgunder, Pino Gris

Saint Laurent - St. Laurent, Sankt Laurent

Saphira

Satin Noir

Sauvignac

Sauvignon Blanc - Muskat Silvaner

Sauvitage

Scheurebe

Siegerrebe

Sirius

Solaris

Souvignier Gris

Syrah

Viognier

Weißer Burgunder - Pinot Bianco, Weißburgunder, Pinot Blanc

Weißer Elbling - Elbling, Kleinberger

Weißer Gutedel - Chasselas Blanc, Fendant Blanc, Fendant

Weißer Riesling - Riesling Renano, Rheinriesling, Klingenberger, Riesling

8. **Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet**

Madwar 95 % tal-vinji fiż-żona tal-Landwein tas-Sassonja jinsabu fil-Wied tal-Elbe tar-reġjun, bejn Pirna u Dasbar-Seußlitz, fuq iż-żewġ naħat tax-xmara Elbe. Jikbru fil-widien tax-xmara kennija tal-Elbe u t-tributarji tagħha. Dawn tipikament jitħawlu fuq l-għoljiet li jħarsu lejn in-Nofsinhar tal-Elbe (li wħud minnhom huma kklassifikati bħala inklinazzjonijiet weqfin) u fuq iż-żoni ċatti u b'inklinazzjoni ħafifa ta' ħdejhom. Il-vinji l-oħra – li jinsabu barra l-Wied tal-Elbe fis-Sassonja, is-Sassonja-Anhalt u Brandenburg – huma vinji li tradizzjonalment jintużaw għall-vitikultura. Minħabba l-prossimità ġeografika tagħhom, dawn il-vinji ġew assenjati għaż-żona tat-tkabbir tas-Sassonja meta ġew stabbiliti ż-żoni tal-vitikultura tal-Ġermanja. Fil-biċċa l-kbira l-vinji jħarsu lejn in-Nofsinhar.

Il-Wied tal-Elbe jospita varjetà ta' formazzjonijiet ġeoloġiċi. Matul il-fażi ewlenija ta' tiwi tal-Muntanji Metalliċi fil-perjodu Karboniferu Inferjuri, il-blat mill-Massif Meißner tal-granit u sijenit ġie mbuttat fil-wiċċ u llum jifforma proporzjon sinifikanti ta' dak li jidher fil-Baċir tal-Elbe. Ġejjin mill-perjodu tal-Kretaċju Superjuri, is-saffi tal-ġebla tar-ramel u l-gaize u l-ħamrija residwa spiss laħqu ħxuna kbira fil-Wied tal-Elbe u parzjalment għattew is-saffi tas-sijenit. Dawn, min-naħa tagħhom, kienu wkoll parzjalment miksija minn depożiti tal-Era Glaċjali u ta' wara l-Era Glaċjali, bħal-loess, it-tafal u r-ramel tax-xmajjar. Għalhekk, id-diversi vinji fis-Sassonja huma kkaratterizzati minn tipi differenti ħafna ta' ħamrija.

Iż-żona tal-Landwein tas-Sassonja hija l-aktar żona ta' Landwein li tinsab lejn il-Grigal tal-Ġermanja. L-influwenza tal-klima kontinentali diġà tinħass ħafna fiż-żona, b'perjodi distinti tas-sajf u tax-xitwa. B'mod partikolari, id-differenzi f'termini ta' sħana matul il-jum u ta' kesħa matul il-lejl qawwija, li huma tipiċi tal-klima kontinentali, kif ukoll il-jiem twal ta' xemx fis-sajf u fil-ħarifa, huma ta' importanza kruċjali għall-kwalità tal-inbejjed Landwein tas-Sassonja u jagħtuhom il-karattru speċjali tagħhom.

It-temperatura medja annwali ta' binhar hija ta' 9,4 °C, b'663 mm ta' xita u madwar 1 663 siegħa xemx bħala medja fis-sena (sors: Deutscher Wetterdienst (is-servizz meteoroloġiku Ġermaniż), l-istazzjon tat-temp ta' Dresden-Klotzsche, perjodu ta' referenza 1981–2010).

Peress li l-istruttura fuq skala żgħira u l-għadd kbir ta' inklinazzjonijiet weqfin jillimitaw l-użu tal-makkinarju fil-vinji, hemm bżonn ta' ħafna ħaddiema biex jieħdu ħsiebhom. Dan għandu effett stabbilizzanti fuq ir-rendimenti u jikkontribwixxi b'mod sinifikanti lejn il-kwalità tal-ħsad f'termini tal-qawwa alkoħolika naturali minima, l-iżvilupp tal-aromi u l-bilanċ aċiduż tal-inbejjed. L-influwenza tal-bniedem hija bbażata fuq tradizzjoni tal-vitikultura li tmur lura eluf ta' snin.

9. **Rekwiżiti oħra applikabbli**

Qafas legali:

Fil-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżiti addizzjonali:

Dispożizzjonijiet addizzjonali dwar it-tikkettar

Deskrizzjoni tal-kundizzjoni:

Kompożizzjoni tal-Landwein: mill-inqas 85 % tal-għeneb użat għall-produzzjoni tal-inbid irid jiġi miż-żona ġeografika. Il-15 % li jifdal irid jiġi minn żona oħra tal-Landwein fil-Ġermanja.

**Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott**

http://www.ble.de/eu-qualitaetskennzeichen-wein